**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 32/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1492/1983)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-12 ta' Awwissu 1983 (Dok.A); nhar it-22 Ottubru 2004 isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono (Dok.B);

2. ILLI minn dakinhar qatt ma sehhet l-ebda rikonciljazzjoni, u ma hemm l ebda possibilità li ssehh;

3. ILLI l-partijiet ilhom fattwalment u legalment separati ghaż-żmien li tirrikjedi l-ligi ghall-ghoti ta' divorzju, irrinunzjaw reciprokament għal kull dritt għal manteniment, uliedhom illum kollha maġġorenni, ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti, u ghalhekk jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-ligi sabiex tingħata sentenza ta' divorzju;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-hall ta' l-imsemmi żwieġ bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u li jiġi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-liġi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ottubru 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.